

Brussell, 19 ta' Frar 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0420(NLE)

6448/24
ADD 1 REV 1

TRANS 63
MAR 27
AVIATION 29
ESPACE 13
RELEX 181
EU-GNSS 2
CSC 76

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	16594/23 ADD 1
Suġġett:	Anness tal-PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat GNSS UE/ASECNA stabbilit bil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż test aġġornat tal-anness tal-proposta imsemmi hawn fuq wara l-kummenti mis-Servizz legali. Il-bidliet meta mqabbla mad-dokument 16594/23 ADD 1 huma mmarkati b'**tipa grassa ssottolinjata** għal żidiet u [...] għat-tħassir.

ANNES

tal-

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat GNSS UE/ASECNA stabbilit bil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni [...] bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar [...] l-iżvilupp tar- radjunavigazzjoni bis-satellita u [...] l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili

Abbozz

tad-DEĊIŻJONI 1/2023 tal-KUMITAT GNSS UE/ASECNA (KUMITAT KONĠUNT)

ta' XXX 2023

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT GNSS UE/ASECNA,

wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni [...] bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar [...] l-iżvilupp tar- radjunavigazzjoni bis-satellita u [...] l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-ASECNA u l-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fi Brussell fil-5 ta' Diċembru 2016 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2018.
- (2) Skont l-Artikolu 29(2) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kumitat GNSS/UE ASECNA (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat Konġunt") jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (3) Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew gruppi ta' esperti sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 29(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn delegati tal-ASECNA u tal-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan adottati.

Magħmul bil-Frañċiż fi Brussell fi XXXX 2023 u f'Dakar fi XXXX 2023.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President Is-Segretarju għall-Unjoni Ewropea Is-Segretarju għall-ASECNA

Regoli ta' proċedura

tal-

KUMITAT GNSS UE/ASECNA (KUMITAT KONĠUNT)

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dawn ir-regoli japplikaw għall-Kumitat GNSS UE/ASECNA ("Kumitat Konġunt") stabbilit bl-Artikolu 29(1), tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija **għas-Sigurtà** tan-Navigazzjoni [...] **bl-Ajru** fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar [...] **l-iżvilupp** tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u [...] **l-provvista ta'** servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili, iffirmit fil-5 ta' Diċembru 2016 fi Brussell, u applikabbli mill-1 ta' Novembru 2018.

Artikolu 2

Kompożizzjoni tal-Kumitat Konġunt

1. Minn naħa waħda, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul, għall-Unjoni Ewropea, minn delegati tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") u min-naħa l-oħra, minn delegati tal-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ASECNA"). Minn hawn 'il quddiem, iż-żewġ partijiet għandhom jissejħu b'mod individwali bħala "l-parti" jew b'mod konġunt bħala "l-partijiet".
2. Id-delegati tal-partijiet jistgħu jkunu akkumpanjati minn persuni li jaġixxu fisem il-partijiet minħabba l-kompetenza speċifika tagħhom.

Artikolu 3

Presidenza

1. Il-partijiet għandu jkollhom il-presidenza tal-Kumitat Konġunt b'mod alternat, għal perjodu ta' sena kalendarja.
2. Il-presidenza għandha tinżamm mill-ASECNA matul l-ewwel sena kalendarja mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
3. Il-parti li jkollha l-presidenza għandha taħtar il-persuna jew id-delegat tagħha bħala president tal-Kumitat Konġunt.
4. Il-president għandu imexxi l-ħidma tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 4

Osservaturi

Bi ftehim komuni bejn il-partijiet, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistieden persuni fil-kapaċità tagħhom ta' esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra biex jattendu l-laqgħa tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi sabiex jipprovdur informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi. Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet li bihom l-osservaturi jkunu jistgħu jattendu għal-laqgħat. Il-persuni mistiedna mill-Kumitat bħala esperti jew osservaturi ma għandhomx jikkontribwixxu għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat.

Artikolu 5

Segretarjat

1. Uffiċjal tal-Kummissjoni u uffiċjal tal-ASECNA għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji tal-Kumitat Konġunt.
2. Is-segretarjat għandu jkun responsabbli għall-komunikazzjoni bejn il-partijiet, inkluż it-trażmissjoni ta' dokumenti.
3. Il-funzjonijiet tas-segretarjat huma taħt ir-responsabbiltà tal-parti li jkollha l-presidenza.

Artikolu 6

Laqgħat tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' skont il-bżonn, fil-prinċipju darba fis-sena.

Wara konsultazzjonijiet mal-partijiet, il-president għandu jsejjaħ il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt f'ħin u f'post miftiehma flimkien. Jekk il-partijiet jaqblu jistgħu jsiru wkoll awdjokonferenzi u vidjokonferenzi.

Il-president għandu jsejjaħ seduta speċjali tal-Kumitat Konġunt fuq talba l-Unjoni Ewropea jew l-ASECNA.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi żmien 15-il jum kalendarju minn meta ssir talba skont l-Artikolu 29(3) tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi Brussell jew f'Dakar, skont liema parti jkollha l-presidenza, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor.
3. Il-president għandu jibgħat l-avviż dwar is-sejħa tal-laqgħa, flimkien mal-abbozz tal-aġenda u d-dokumenti meħtieġa għal-laqgħa, lid-delegati tal-partijiet mill-inqas 21 jum kalendarju qabel il-laqgħa. Id-dokumenti għal-laqgħat imsejħa f'konformità mal-Artikolu 29(3) tal-Ftehim, għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard minn 7 ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.
4. Bi ftehim mal-partijiet, il-president jista' jqassar il-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 3 biex jitqiesu r-rekwiżiti ta' xi kwistjoni partikolari.
5. Il-president għandu jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni ta' kull parti mill-inqas 7 ijiem kalendarji qabel kull laqgħa.
6. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm il-partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

Artikolu 7

Aġenda

1. Il-president, bl-għajjnuna tas-segretarji, għandu jfassal l-aġenda proviżorja għal kull laqgħa.
2. Kull parti tista' tipproponi li jiddaħħlu kwistjonijiet addizzjonali fl-aġenda. Din it-talba għandha tkun issostanzjata kif xieraq u tintbagħat bil-miktub lill-President mill-inqas 7 ijiem kalendarji qabel il-laqgħa.
3. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova l-aġenda fil-bidu tal-laqgħa.

Artikolu 8

Tmexxija tal-laqgħat

Il-president, bl-ghajjnuna tas-segretarji, għandu jiżgura l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, imexxi l-laqgħat u jidderieġi d-dibattiti filwaqt li jiżgura li d-dibattiti jkunu strutturati u ffukati fuq is-suġġett. Il-president jagħti l-kelma lill-kelliema skont l-ordni li fiha jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom li jitkellmu u jista' jitlob lil kelliem biex jillimita l-kummenti tiegħu għall-kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa.

Artikolu 9

Gruppi ta' ħidma tal-Kumitat Konġunt

1. Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti, li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 29(4) tal-Ftehim, għandhom jiġu miftiehma abbażi ta' mandat stabbilit mill-Kumitat Konġunt.
2. Il-gruppi ta' ħidma jew il-gruppi ta' esperti għandhom japplikaw dawn ir-regoli ta' proċedura *mutatis mutandis*.
3. Il-gruppi ta' ħidma jew il-gruppi ta' esperti għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jibagħtulu rapport wara kull laqgħa li jkollhom. Dawn mhumiex awtorizzati li jieħdu deċiżjonijiet, iżda jistgħu jressqu rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Kumitat Konġunt.
4. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda jew li jtemm il-mandat tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti.

Artikolu 10

Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet u jfassal ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' ftehim komuni bejn il-partijiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim. Dawn għandu jkollhom fit-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", segwit b'numru ta' sekwenza, id-data tal-adozzjoni u referenza għas-suġġett tagħhom.
2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu ffirmati mill-president u mis-segretarji u jitqassmu lill-partijiet.
3. Jekk ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità ma jipprekludux dan, kwalunkwe parti tista' tiddeċiedi li tippubblika d-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni adottata mill-Kumitat Konġunt skont ir-regoli tagħha stess. Il-partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-intenzjoni tagħhom li jippubblikaw deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.
4. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta d-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn is-segretarji, li jaġixxu bi qbil mal-partijiet. Għal dak il-għan, it-test tal-proposta għandu jiġi ċċirkolat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn 21 jum kalendarju li fih għandha tiġi mgħarrfa kull riżerva jew emenda. F'ċirkostanzi speċjali, il-president jista' jqassar il-limitu taż-żmien, bi qbil mal-partijiet. Ladarba jiġi miftiehem it-test, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni għandha tkun iffirmata mill-president u mis-segretarji.

Artikolu 11

Minuti

1. Is-segretarjat għandu jħejji l-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa. L-abbozz għandu jindika d-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu u r-rakkomandazzjonijiet li jkunu tħejjew. L-abbozz tal-minuti għandu jitressaq lill-Kumitat Konġunt biex jiġi adottat. Ladarba jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt, il-minuti għandhom ikunu ffirmati mill-president u mis-segretarji.
2. L-abbozz tal-minuti għandu jitfassal fi żmien 21 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa u jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt permezz ta' proċedura bil-miktub jew fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità

Meta parti tressaq informazzjoni li tkun indikata bħala **klassifikata** [...] [...] **jew** sensittiva lill-Kumitat Konġunt, il-parti l-oħra għandha tittratta din l-informazzjoni bħala tali. Il-partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni klassifikata [...] biss jekk ikunu kkonkludew ftehim dwar dan. Huma għandhom jaġmlu kull sforz sabiex jistabbilixxu qafas ġuridiku komplut u koerenti li jippermetti l-konklużjoni ta' ftehim bħal dan.

Artikolu 13

Spejjeż

1. Kull parti għandha tħallas kwalunkwe spiża li ġġarrab marbuta mal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma jew tal-gruppi ta' esperti.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel dwar il-qsim tal-ispejjeż għal kwalunkwe missjoni assenjata lill-esperti.
3. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-parti li tkun qiegħda torganizza l-laqgħa.

Artikolu 14

Korrispondenza

Il-korrispondenza kollha indirizzata lill-president tal-Kumitat Konġunt jew mibgħuta minnu għandha tintbagħat lis-segretarjat tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 15

Emendar tar-regoli ta' proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 10 tiegħu.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħhom.